TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 100/12-F

Graziella & Charlo Darmanin

vs

Noel Gauci eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem ta' Novatron

Illum 12 ta' Marzu, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-13 ta' April, 2012 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elf, mija u sitt ewro (€1,106), rappreżentanti prezz ta' *solar water heater* illi kien difettuż.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw *solar water heater* għall-prezz ta' elf, mija u sitt ewro (€1,106), mingħand id-ditta ntimata, u rriżulta li t-tank iż-żgħir beda jissaddad u li t-tank il-kbir beda jqattar.

Minkejja li l-intimat bagħat rappreżentant tiegħu, jibqa' l-fatt u anke mir-ritratti, illi t-tank iż-żgħir huwa mimli sadid.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li ra r-ritratti u wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi t-tank iż-żgħir huwa mimli bis-sadid, filwaqt li t-toqba tat-tank il-kbir tista' tittranġa.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' tlett mitt ewro (€300), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

Avv Martin Fenech
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888